

Brussell, 27 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9736/26

FIN 750

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Sur Piotr SERAFIN, Membru tal-Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	26 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sur Makis Keravnos, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	BUDGET DEC(2026) 9
Suġġett:	Proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 09/2026 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2026

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument BUDGET DEC(2026) 9.

Mehmuż: BUDGET DEC(2026) 9



BRUSSELL, 26/05/2026

BAĠIT ĠENERALI - 2026
TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI: 16, 30

TRASFERIMENT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET NRU **DEC09/2026**

MINN

KAPITOLU - 16 02 Mobilizzazzjoni ta' mekkaniżmi ta' solidarjetà (strumenti speċjali)

ARTIKOLU - 16 02 02 Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Fladdiema Ssensjati (FEG)	Pagamenti	-210 000,00
---------------------------------------------------------------------------------------------------------	-----------	-------------

KAPITOLU - 30 04 Mekkaniżmi ta' solidarjetà (strumenti speċjali)

ARTIKOLU - 30 04 02 Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Fladdiema Ssensjati (FEG)	Impenji	-210 000,00
-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	---------	-------------

GĦAL

KAPITOLU - 16 01 Nefqa amministrattiva ta' appoġġ lil hinn mil-limiti massimi annwali stipulati fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali

ARTIKOLU - 16 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Fladdiema Ssensjati	Impenji	210 000,00
	Pagamenti	210 000,00

Tnaqqis

a) Intestatura

16 02 02 Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)

b) Ċifri fis-06/05/2026

	Pagamenti
1 Approprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + AB)	20 000 000,00
2 Approprjazzjonijiet fil-baġit (riportati mis-snin preċedenti)	0,00
3 Trasferimenti	0,00
4 Total tal-appropriazzjonijiet għas-sena (1+2+3)	20 000 000,00
5 Approprazzjonijiet diġà użati	11 669 761,05
6 Approprjazzjonijiet disponibbli (4-5)	8 330 238,95
7 Tnaqqis mitlub	210 000,00
8 Total tal-appropriazzjonijiet sa tmiem is-sena (6-7)	8 120 238,95
9 Tnaqqis bħala perċentwal tal-appropriazzjonijiet fil-baġit $[7/(1+2)]$	1,05 %
10 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-appropriazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fil-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Pagamenti
1 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	0,00
2 Approprjazzjonijiet disponibbli fis-06/05/2026	0,00
3 Rata' ta' implimentazzjoni $[(1-2)/1]$	-

d) Raġunijiet dettaljati għat-Tnaqqis

Il-linja baġitarja għall-assistenza teknika mill-FEG fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni (16 01 01) ma għandha l-ebda approprjazzjonijiet inklużi fil-baġit ivvutat u għalhekk trid tiġi pprovduta b'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-pagamenti. Fir-rigward tal-appropriazzjonijiet għall-pagamenti, qed jiġi propost trasferiment ta' EUR 210 000 mil-linja tal-FEG 16 02 02 (nefqa operazzjonali) biex jiġi kopert l-ammont rikjest għas-sena 2026.

Tnaqqis

a) Intestatura

30 04 02 - Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)

b) Ċifri fis-06/05/2026

	Impenji
1 Approprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + AB)	35 149 782,00
2 Approprjazzjonijiet fil-baġit (riportati mis-snin preċedenti)	0,00
3 Trasferimenti	-17 040 036,00
4 Total tal-approprjazzjonijiet għas-sena (1+2+3)	18 109 746,00
5 Approprazzjonijiet diġà użati	0,00
6 Approprjazzjonijiet disponibbli (4-5)	18 109 746,00
7 Tnaqqis mitlub	210 000,00
8 Total tal-approprjazzjonijiet sa tmiem is-sena (6-7)	17 899 746,00
9 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet fil-baġit $[7/(1+2)]$	0,60 %
10 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fil-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Impenji
1 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	0,00
2 Approprjazzjonijiet disponibbli fis-06/05/2026	0,00
3 Rata' ta' implimentazzjoni $[(1-2)/1]$	-

d) Raġunijiet dettaljati għat-Tnaqqis

Id-dispożizzjonijiet baġitarji relatati mal-FEG huma stabbiliti fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda.

F'konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal trasferiment ta' approprjazzjonijiet mir-riżerva għall-FEG lil-linja baġitarja rilevanti b'mod parallel mal-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG.

Il-linja baġitarja għall-assistenza teknika mill-FEG fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni (16 01 01) ma għandha l-ebda approprjazzjonijiet inklużi fil-baġit ivvutat u għalhekk trid tiġi pprovduta b'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-pagamenti. Fir-rigward tal-approprjazzjonijiet għall-pagamenti, qed jiġi propost trasferiment ta' EUR 210 000 mil-linja ta' riżerva tal-FEG 30 02 02 (nefqa operazzjonali) biex jiġi kopert l-ammont rikjest għas-sena 2026.

Żieda

a) Intestatura

16 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema
Ssensjati

b) Ċifri fis-06/05/2026

	Mhux Diff
1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + AB)	0,00
2 Approprijazzjonijiet fil-baġit (riportati mis-snin preċedenti)	0,00
3 Trasferimenti	0,00
4 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2+3)	0,00
5 Approprazzjonijiet diġà użati	0,00
6 Approprijazzjonijiet disponibbli (4-5)	0,00
7 Żieda mitluba	210 000,00
8 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (6+7)	210 000,00
9 Żieda bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit $[7/(1+2)]$	-
10 Żieda, bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Mhux Diff
1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	0,00
2 Approprijazzjonijiet disponibbli fis-06/05/2026	0,00
3 Rata' ta' implimentazzjoni $[(1-2)/1]$	-

d) Raġunijiet dettaljati għaż-Żieda

Fl-2026, qiegħed jintalab l-ammont ta' EUR 210 000 sabiex tiġi koperta l-assistenza teknika marbuta mal-FEG. Dan jirrappreżenta 0,60 % tal-limitu massimu annwali tal-FEG u huwa inqas mill-1.5 % permess mill-Artikolu 11(1) tar-Regolament FEG. Il-kontribuzzjoni se tintuża għan-nefqa msemmija fl-Artikolu 11(1) u (4) kif ukoll fl-Artikolu 12(2), (3) u (4) tar-Regolament FEG, kif iddettaljat hawn taħt.

Nefqa amministrattiva - Spejjeż totali EUR 120 000:

- Il-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG, magħmul minn massimu ta' żewġ membri minn kull Stat Membru, se jkun qed jorganizza laqgħat regolari. Abbażi tal-esperjenzi bil-laqgħat virtwali, u skont l-ambizzjonijiet tal-Kummissjoni li tnaqqas l-impronta ambjentali tal-attivitajiet tagħha, fl-2026 se jkunu organizzati laqgħa virtwali waħda u laqgħa waħda wiċċ imb wiċċ.

- Sabiex tippromwovi n-networking fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni se torganizza seminar bil-parteciċipazzjoni tal-korpi ta' implimentazzjoni u s-sħab soċjali tal-FEG.

- Attivitajiet ta' informazzjoni: il-preżenza online tal-FEG, li l-Kummissjoni stabbiliet fil-qasam tagħha tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, u li qed iżżommha kif meħtieġ skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament dwar il-FEG, se tiġi regolarment aġġornata u estiża, u kull element ġdid se jiġi tradott bil-lingwi kollha tal-UE. Se tiżdied is-sensibilizzazzjoni ġenerali dwar il-FEG u l-viżibilità tiegħu se tiġi promossa. Il-FEG se jiġi kopert f'diversi pubblikazzjonijiet u attivitajiet awdjoviżivi tal-Kummissjoni kif previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG.

- L-attivitajiet kollha ta' hawn fuq se jinkludu s-sensibilizzazzjoni vis-à-vis l-Istati Membri, is-sħab soċjali u l-intrapriżi dwar l-emenda għar-Regolament dwar il-FEG, li ġiet approvata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-20 ta' Mejju 2026. Dan jinkludi b'mod partikolari l-possibbiltà li jingħata wkoll appoġġ lill-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'kumpanija li tkun għaddejja minn ristrutturar. Dan se jħejjihom aħjar biex ilestu tranżizzjoni fil-karriera f'perjodu ta' żmien iqsar u jiffaċilita l-bidla fir-rwol jew fil-karriera tagħhom.

Nefqa teknika - Kostijiet totali EUR 90 000:

- Żamma u aġġornament ta' sistema ta' skambju elettroniku tad-data. Il-Kummissjoni qed tkompli ħidmitha dwar il-proċeduri standardizzati għall-applikazzjonijiet u l-ġestjoni tal-FEG, billi tuża l-funzjonalitajiet tas-Sistema Komuni għall-Ġestjoni Kondiviża tal-Fondi (SFC). B'hekk l-applikazzjonijiet fil-qafas tar-Regolament dwar il-FEG jistgħu jiġu ssimplifikati, l-ipproċessar tagħhom jista' jitħaffef u diversi rapporti jistgħu jiġu estratti iktar faċilment. L-interfaċċa tal-SFC qed tiffaċilita wkoll l-operazzjonijiet finanzjarji tal-FEG. B'mod partikolari dan jinkludi: a) iż-żamma tal-applikazzjoni tal-SFC 2014 għall-għeluq tal-każijiet għall-FEG 2014-2020; b) aktar żvilupp u manutenzjoni tal-SFC 2021 għall-FEG 2021-2027, inkluż fid-dawl tal-emenda tar-Regolament dwar il-FEG, u s-sinkronizzazzjoni tiegħu ma' SUMMA, is-sistema l-ġdida tal-Unjoni Ewropea għall-kontabbiltà korporattiva, il-finanzi u l-ibbaġitjar.

- Monitoraġġ u ġbir tad-data: il-Kummissjoni se tiġbor id-data dwar l-applikazzjonijiet li tirċievi, tħallas u tiffinalizza, u l-miżuri proposti u implimentati. Din id-data se tkun disponibbli fuq is-sit web u se tiġi kkompilata f'format xieraq għar-rapporti biennali futuri.

ANNEX
TRANSFERS RELATED TO THE EUROPEAN GLOBALISATION ADJUSTMENT FUND
FOR DISPLACED WORKERS (EGF) IN 2026

COMMISSION PROPOSALS AT 06/05/2026

The table below shows the transfer proposals transmitted to the European Parliament and the Council to date, which relate to the EGF financial year 2026, and the amount of the EGF reserve that will remain should these proposals be approved as proposed by the Commission.

Transfer Ref.	Date sent to B.A.	Content	Amounts in EUR (Commitments from Reserve)
		Initial appropriations	35 149 782,00
DEC 01	09/01/2026	EGF/2025/006 BE/ Audi	7 527 625,00
DEC 02	20/01/2026	EGF/2025/004 BE/ Tupperware	1 622 650,00
DEC 03	11/02/2026	EGF/2025/005 AT/KTM	1 806 624,00
DEC 04	11/02/2026	EGF/2025/007 BE/Casa	1 916 733,00
DEC 05	02/03/2026	EGF/2025/008 BE/Liberty	2 033 869,00
DEC 07	30/04/2026	EGF/2025/009 BE/Soliver	2 132 535,00
DEC 09	26/05/2026	EGF/2026/000 TA 2026	210 000,00
		Total of Proposals	17 250 036,00
		Remainder revised appropriations	17 899 746,00

To date, the levels of available internal assigned revenue payment appropriations are as follows:

Line 16 01 01 – Support expenditure for the European Globalisation Adjustment Fund for Displaced Workers (EGF)

	Amounts in EUR
Internal assigned revenue – current year	0,00
Internal assigned revenue – carried-over from previous year	0,00

Line 16 02 02 – European Globalisation Adjustment Fund for Displaced Workers (EGF)

	Amounts in EUR
Internal assigned revenue – current year	0,00
Internal assigned revenue – carried-over from previous year	0,00